# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tas-Sitta w Erbgħin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 04 ta' Frar 2015 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w kwart ta' filgħaxija (5.15pm)*

## Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| | Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| | Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |
| Skuzat | Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |

## 1. Talba.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħamsa u Erbgħin laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 21 ta' Jannar 2014.

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq il-minuti msemmija s-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 3. Komunikat mis-Sindku

3.1 Ma kien hemm l'ebda komunikat mis-Sindku.

## 4. *Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mit-22 ta' Jannar 2015 sa l- 4 ta' Frar 2015*

4.1 Wara li ħadd mill-Kunsilliera ppreżenti ma kellhu kummenti u mistoqsijiet fuq il-korrispondenza s-Sindku ppropona li l-lista ta' korrispondenza tiġi kkunsidrata bħala moqrija. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-vot kien unanimu.

Is-Sur Noel Scerri daħal fis-sala fil-ħamsa u nofs nieqes ħamsa ta' filgħaxija (5.25pm).

## 5. *Schedule of Payments 2/15*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet, is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet kif ippreżentati. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## 6. *Purchase Order 3976 - 3993*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 3976 sa 3993 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. *Purchase Request 2958-2977*

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 2958 sa 2977 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier Anthony Buhagiar ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

Is-Sur Dominic Spencer daħal fis-sala fil –ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm).

## 8. *Estimi Annwali 2015*

8.1 Fuq talba tas-Sindku s-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega fid-dettal ta' l-Estimi Annwali u wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti fuq dan is-suġġett is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport kif ipprezentat. Is- Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 9. *Pjan ta' Ħidma 2015 - 2017*

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tar-rapport kif ippreżentat u wara li ħadd mill-membri ppreżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti fuqhom is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li jiġi approvat kif ippreżentat. Is-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 10. *Financial Commitment Report October - December*

10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tar-rapport kif ippreżentat u wara li ħadd mill-membri ppreżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti fuqhom is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li jiġi approvat kif ippreżentat. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu

## 11. *Deċiżjoni fuq Impjegat/a Part-time*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Għazla fejn ġew elenkati erba' kandidati li jistgħu jokkupaw din il-kariga dan fl-eventwalita' li xi ħadd jirrifjuta l-Kunsill ikun jista' jingaġġa it-tieni, it-tielet jew ir-raba' kandidat. Is-Sur Dominic Spencer iddikkjara li ser ikun kontra l'għażla ta' dan l-impjegat minħabba li ma jaqbilx li l-Kunsill jingaġġa mpjegat fuq bażi part-time. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill joqgħod fuq l-għażla tal-bord kif elenkati skond il-preferenza ta' l-aħjar impjegat għal dan ix-xogħol temporanju. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-vot kien ħamsa favur u wieħed kontra.

## 12. *Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera*

12.1 Is-Sur Anthony Buhagiar irringrazzja lill-Kunsill talli sar patching minnufih fi Triq il-Jum.

Is-Sur Noel Scerri talab li jiġi skużat mill-laqgħa fis-sitta ta' filgħaxija (6.00pm)

12.2 Is-Sur Dominic Spencer talab sabiex tiġi nfurmata l-ELC biex ma jsirx qtugħ ta' ħaxix f'siegħat bikkrin ta' filgħodu.

12.3 Is-Sur Dominic Spencer talab biex tintbagħat ittra lill-Ministeru tal-Ġustizzja fejn il-Kunsill jitlob aktar preżenza ta' pulizija kemm fl-Għassa kif ukoll fit-toroq tal-Marsa aktar minn qatt qabel minħabba l-avvenimenti li ġraw din il-ġimgħa b'theddid fuq l-ibħra Maltin

## *13. Aġġornament tal-Laqgħa*

13.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar 2015 fil-ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sitta w għaxra ta' filgħaxija (6.10pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv